**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 31 t'Ottubru 2019**

**Talba Nru: 335/18 CZ**

**Ballut Blocks Services Limited (C 8360)**

**vs.**

1. **Mark Micallef; u**
2. **Claire Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-20 ta' Lulju 2018 li biha talbet il-hlas ta' elf, hames mija u hdax-il Euro u hdax-il centezmu (€1,511.11) rapprezentanti bilanc dovut mill-konvenuti, solidament bejniethom, lis-socjeta' attrici, ghal concrete u cement mibjugh u kkonsenjat lilhom mis-socjeta' attrici kif ukoll rapprezentanti kumpens ghal kiri lilhom ta' concrete pump mis-socjeta' attrici, fuq inkarigu tal-konvenuti stess u dan skond ma jirrizulta mill-fattura hawn annessa (Dok. BBS 1).

Minkejja d-diversi interpellazzjonijiet, inkluz permezz tal-ittra ufficcjali bin-numru 2287/2017 (ai termini tal-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) datata 27 ta' Settembru 2017, il-konvenuti baqghu inadempjenti, u ma hallsux.

Ghalhekk kelha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali 166A bin-nmru 2287/2017 u datata 27 ta' Settembru 2017 u bl-imghax legali mill-31 t'Awwissu 2016 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li huma minn issa stess ingunti, solidament bejniethom ghas-subizzjoni taghhom.

Ra r-risposta tal-konvenuti mressqa fit-23 t'Awwissu 2018 li permezz taghha eccepew:

Illi l-intimati jeccepixxu li t-talbiet tas-socjeta' attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont ta' €1,511.11 mhuwiex dovut lis-socjeta' attrici u dan stante li l-materjali forniti mis-socjeta' attrici ma kinux tal-kwalita' pattwita u sahansitra kkawzaw danni lill-intimati, kif ser jigi ppruvat watq it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Bl-ispejjez.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema’ x-xiehda;

Sema’ t-trattazzjoni tal-abbli avukati difensur tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

It-Tribunal qies ix-xiehda tal-konvenut[1], Vincent Apap[2], Perit Joe Bugeja[3], Wilfred Brincat[4], Paul Chetcuti[5], il-konvenuta[6].

Ikkunsidra:

Illi mill-provi rrizulta illi l-konvenut talbu kwantita’ ta’ konkos tal-grad C15 lis-socjeta’ attrici, u dan sabiex jittella’ fuq il-bejt permezz ta’ pompa.

Illi l-konvenut jghid li min-naha tieghu lis-socjeta’ attrici ma tahiex struzzjonijiet biex izzid ilma mal-konkos waqt li dan kien qed jinghata.

[1] Fol. 24 u fol. 73 u fol. 88
[2] Fol. 26 u fol. 58A, u fol. 63
[3] Fol. 27
[4] Fol. 38
[5] Fol. 53 u fol. 85
[6] Fol. 68

Illi skond erba' kampjuni li ttiehdu tal-konkos in kwestjoni, is-sahha tal-konkos fornit fit-tielet vjagg kienet tvarja bejn 10.5 u 10.9. Il-kampjuni ttiehdu mill-konkos frisk tat-tieni bajla.

Illi s-socjeta' attrici, apparti l-konkos elenkat fl-invoice, bieghet ukoll lill-konvenuti zewg (2) xkejjer siment, oltre li talbet ukoll hlas ghall-uzu tal-pompa. Dakinhar li nghata l-konkos mertu tal-kawza, dan kien gie trasportat f'erba' (4) vjaggi separati. Fit-tielet vjagg minn dawn l-erbgha, kien zdied l-ilma mal-konkos, u dan ghal darbtejn, u dan peress li l-kuntrattur dam biex ihott il-konkos.

Illi waqt l-ghoti tal-konkos kien mar fuq il-post Vincent Apap, missier il-konvenuta, u skond hu mar fuq il-post specifikament biex jara li ma jinghatax ilma lill-konkos.

Illi l-konventa Claire Micallef cahdet li l-firem fuq id-delivery notes tal-konkos huma taghha.

Illi l-konvenut ma jichad illi fil-fatt il-volum tal-konkos konsenjat kien dak kif reklamat mis-socjeta' attrici.

Illi x-xufier tas-socjeta attrici Paul Chetcuti, u cioe' dak li wassal il-konkos bit-trakk, qal illi l-ilma jkun zdied mal-konkos waqt li dan ikun qed jinghata, u dan fuq struzzjonjiet tal-kuntrattur. Qal ukoll illi l-firma fuq id-delivery note issir fl-ahhar nett, u dan wara li l-ilma jkun zdied; ghalhekk meta d-delivery note tigi ffirmata, ikun hemm diga' indikat fuqha li jkun zdied l-ilma.

Illi l-qofol tal-argument fil-kawza odjerna ghalhekk huwa jekk giex konsenjat il-volum u l-kwalita' tal-konkos miftiehem. Kif gia' fuq imsemmi, il-volum tal-konkos diga' giet accetat mill-konvenut. Il-punt ta' kontenzjoni huwa jekk il-kwalita' tal-

konkos kinitx dik miftehma jew le. Is-socjeta' attrici tikkontendi li l-konkos, partikolarment, dak li saru test fuqu, zdiedlu l-ilma fuq struzzjonijiet tal-kuntratt tal-konvenuti, mentri l-konvenut jsostnu li l-konkos ma zdiedlu l-ebda ilma. It-Tribunal jara pero' certi kontradizzjonijiet fil-verzjonijiet tal-konvenuti li jaghmlu l-verzjonijiet taghhom inqas kredibbli minn dawk tas-socjeta' attrici. Fost ohrajn Vincent Apap jghid li kien mar fuq il-post specifikament biex jizgura li ma kienx ha jizdied l-ebda ilma mal-konkos. It-Tribunal jara dan kemmxejn inverosimili anke ghaliex il-konvenuti, kif iddikjaraw huma stess, inkarigaw kuntrattur sabiex jaghti l-konkos tal-kontra-bejt in kwestjoni u kien sta ghal da nil-kuntrattur li jiddeciedi jekk jizdiedx ilma jew le. Lanqas ma jemmen it-Tribunal ic-cahda totali da parti tal-konvenuti li l-firma imnizzla fuq id-delivery notes mhijiex taghhom. Ghalkemm mitluba jesebixxu r-ricevuta tal-kuntrattur barrani minnhom inkarigat, dawn baqghu m'esebewhiex, u esebew bisis invoice minghand certu P. Barone u l-kopja tal-klijent relattiva ghall-bank draft li biha hallsu lill-istess kuntrattur. Mir-ricevuta nfisha. Iktar minn hekk, saret prova oggettiva mis-socjeta' attrici illi l-konkos fit-tielet vjagg dam hafna biex inhatt, anzi ghat-Tribunal dam dewmien esagerat. Dan ghaliex seba' jardi konkos hadu 'l fuq minn saghtejn biex inghataw. It-Tribunal, mill-assjem tal-provi, mhuwiex konvint li s-socjeta' attrici b'xi mod ziedet l-ilma minn jeddha mal-konkos, u ma jirrizultalux li ghandha tahti s-socjeta' attrici ghall-kwalita' tal-konkos li finalment inghatat, anke jekk stess kienet ta' grad inqas minn dak pattwit.

Illi fuq kollox it-Tribunal osserva illi ghalkemm il-konvenuti ilmentaw li l-konkos moghti kien ta' grad anqas, huma ppermettew li l-kontra-bejt jithalla b'dan il-konkos, u ma gabu l-ebda prova li huma qalghu mill-gdid dan il-kontra-bejt u ghamlu iehor minfloku; kien ikun differenti totalment kieku l-konvenuti protestaw dwar il-kwalita' tal-konkos immedjatament u ssenjalaw dan lis-socjeta' attrici; minn dan izda ma sar xejn. Il-konvenut kellhom kieku riedu azzjoni specifika provduta lilhom mil-ligi f'dawk il-kazijiet fejn il-materjal provdut ma jkunx tal-kwalita' pattwita; izda l-konvenuti ma uzawx din l-istess azzjoni. Il-konvenuti issolevaw il-lamentela taghhom dwar il-grad tal-konkos propju meta rcivew il-kawza odjerna; haga li t-Tribunal jidhirlu li tkompli ddghajjef it-tezi taghhom.

Illi ghar-ragunijiet fuq imsemmija, it-Tribunal sejjer jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u jordna lill-konvenuti jhallsu lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' elf hames mija u hdax-il Euro u hdax-il centezmu (€1,511.11), bl-imghax kif mitlub sad-data tal-hlas effettv.

L-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali 2287/17 jithallsu kollha mill-konvenuti.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur